MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 58/2006/1

**Andrew Meli bhala prokuratur ta' l-assenti Anne Meli nee' Borg**

**vs**

**Joseph u Catherine konjugi Micallef**

Il-Bord:

Ra r-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Joseph Micallef ;

Illi permezz ta' dan ir-rikors, ir-ritrattant qieghed jitlob umilment u bir-rispett r-ritrattazzjoni ta' s-sentenza moghtija minn dan il-Bord fit-12 ta' Dicembru, 2007 fl-ismijiet, Andew Meli bhala prokuratur ta' l-assenti Anne Meli nee' Borg vs Joseph u Catherine konjugi Micallef, fejn il-konvenuti gew ordnati jizgombraw mill-fond 120, Triq Blanche Huber, Sliema, u li l-atturi inghataw lura l-pussess tal-istess fond imsemmi, bl-ispejjez kontra ir-ritrattanti;

Illi r-ritrattant qieghed jipprezenta dan ir-rikors a tenur ta' l-Artikolu 811(a)(b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi s-sentenza hawn fuq attakkata ttiehdet b'qerq mill-attur bi hsara ghall-esponent u in subsidium peress illi l-avviz tal-kawza qatt ma gie nnotifikat lill-esponent hekk kif titlob il-Ligi u oltre il-persuna notifikata fil-kawza, ma kienitx persuna legittima kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

Illi fl-ewwel lok, ir-rittrattant qieghed jinterponi minn dan il-mezz straordinarju tar-ritrattazzjoni peress illi l-attur kiseb sentenza favur tieghu bl-ezercizzju ta' qerq u b'difett procedurali fit-tqassim ta' notifika lill-esponent, u dan stante illi mart l-esponent, cioe Catherine Micallef ma hiex persuna kapaci illi tidher u tifhem u taghti xhieda ta' din in-notifika, kif jipprovdi l-Artikolu 187 (1) tal-Kap 12;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent umilment u bir-rispett jissottometti li huwa ma giex debitament notifikat kif miltlub mill-ligi u ghalhekk ma kienx f'possibilita' illi jidher ghas-seduti tal-kawza fl-ismijiet premessi u jipprezenta r-risposta u eccezzjonijiet tieghu. Inoltre, minkejja li l-konvenut ma giex notifikat kif inhu rikjest, il-kawza xorta nstemghet u nqghatet minghajr il-presenza tieghu;

Illi minkejja illi fuq l-atti tal-kawza, hemm annotat u assigurat illi l-atti ta' notifika tal-kawza gew mqassma lil intimati fil-kawza odjerna, kienet biss Catherine Micallef illi irceviet dawn l-atti, u li hija tenut kont tal-kundizzjoni medika taghha, QATT ma gharrfet lil hadd dwar dawn l-istess atti lilha mqassma mill-purtier;

Illi r-rittrattant lanqas ma kien fil-kapacita' li jinterponi appell minn dina s-sentenza u dan ghaliex huwa sar jaf b'dina s-sentenza ferm wara li kien ghalaq it-terminu preskritt fejn huwa setgha jipprezenta – rikors ta' l-appell;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan ir-rikors huwa s-segwenti:

i. Illi permezz ta’ rikors numru 58/2006 GG, fl-ismijiet sucitati, l-attur intavola rikors fejn talab lil dana l-Bord sabiex jawtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 120, Triq Blanche Huber, Sliema, filwaqt li jordna l-izgumbrament tal-esponent mill-istess fond, bl-ispejjez kontra r-ritrattant;

ii. Illi wara li gie pprezentat dan ir-rikors, l-esponent ma giex innotifikat b’mod xieraq u validu u dan ghaliex il-procedura kif kontemplata fl-artikolu 187 (1) tal-Kap 12 tipprovdi illi ‘izda l-kopja ma tistax tithalla f’idejn persuna jew f’idejn persuna li minhabba mard tal-mohh ma tistax taghti xhieda ta’ dik in-notifika.

iii. Illi mart l-esponent, cioe’ Catherine kagun ta’ stat mediku li tinsab fih, u li dwaru jista jkun iccertifikat minn esperti fil-qasam psikjatriku, qatt ma wriet xejn lil hadd mill-familja taghha, cioe lil zewgha stess l-esponent Joseph Micallef, u li kieku dan kien mgharraf b’xi atti dwar dina l-kawza, kien certament jintavola l-eccezzjonijiet tieghu u r-risposta relatata. L-esponent qatt ma kien konxju tal-fatt illi l-attur baghat xi ittri ufficjali jew li l-attur pprezenta r-rikors promotur ta’ dina l-kawza quddiem il-Bord;

iv. Illi l-esponent sar effettivament jaf bl-ezitu ta’ dina l-kawza meta fis-7 ta’ Marzu, 2008 huwa kien irceva mandat ta’ zgumbrament sabiex huwa jizgombra mill-fond imsemmi;

v. Illi ghalhekk minkejja t-terminu stabbilit mill-Ligi sabiex jipprezenta rikors t’appell kien lahaq ghalaq hu ma kellux rimedju iehor ghajr milli jinterponi minn dan l-umli rikors ta’ ritrattazzjoni.

Ghaldaqstant, ir-ritrattant qieghed umilment u bir-rispett jitlob lil dan il-Bord sabiex joghgbu;

1. Jiddikjara illi a bazi tal-premess jezistu regunijiet validi ghal ritrattazzjoni skond kif tikkontempla l-

Ligi a tenur ta’ l-Artikolu 811(a)(b) u (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Thassar u tannulla u tirrexxindi u tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet Andrew Meli bhala prokuratur ta’ l-assenti Anne Meli nee’ Borg vs Joseph u Catherine konjugi Micallef

3. Tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza hawn fuq imsemmija

Bl-ispejjez u b’riserva ta’ kull azzjoni fil-Ligi.

Ra wkoll ir-risposta ta’Andrew Meli li tghid:

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikors intavolat huwa null u invalidu ai termini tal-artikolu 815 tal-Kap 12 u dan peress li gie pprezentat biss rikors u mhux rikors guramentat kif jitlob dan l-artiklu, konsegwentement ghandu jigi michud;

Illi minghajr pregudizzju ghal dak li se jigu eccepit aktar ‘l quddiem, it-talba ghar-ritrattazzjoni qieghda ssir unikament minn Joseph Micallef u ghalhekk id-decizjoni ta’ nhar it-12 ta’ Dicembru, 2007 su riferita, moghtija minn dan il-Bord ghandha tibqa’ veljanti u valida fil-konfront ta’ Catherine Micallef u dan peress li ma hemm ebda rikors intavolat da parti taghha u ghalkemm hemm talba ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza fl-intier taghha, il-gudizzju mhux integru minhabba n-nuqqas ta’ Catherine Micallef f’dawn il-proceduri;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba kif intavolata minn Joseph Micallef m’hiex cara kif titlob il-Ligi kif ukoll hija kontradittorja peress li qed titressaq abbazi tal-artikolu 811(a), 811(b) u 811(c), liema tliet sub-artikoli huma kontradittorji ghal xulxin;

Illi di piu’ l-premessi imressqa fir-rikors, ma humiex kompatibbli mat-talbiet u dan peress li ssir riferenza ghan-nuqqas ta’ notifika izda ma hemm ebda riferenza ghar-

ragunijiet ghalfejn qed jigu invokati il-paragrafi 811(a) u 811(c)

Eccezzjonijiet fil-Mertu

Illi subordinatament u minghajr regudizzju ghall-premess, it-talba ta’ Joseph Micallef hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta bl-ispejjez ghaliex m’hiex ghajr azzjoni gudizzjarja ohra tentata u manovrata sabiex l-esponent ghan-nom ta’ Anne Meli nee’ Borg ma jirriprendiex il-fond, u mhux ghaliex jezistu fil-ligi l-bazi ghar-ritrattazzjoni kif previst taht l-artikolu 811 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizazzjoni Civili.

Illi Catherine Micallef ma tbati minn ebda infermita’ mentali li tannulla n-notifika tal-proceduri.

Illi qatt ma saru proceduri ghall-interdizzjoni jew l-inabilitazzjoni ta’ Catherine Micallef.

Illi Catherine Micallef, li qed tallega l-infermita’ mentali, m’hiex qed taghmel talba ghat-thassir tas-sentenza inkwistjoni u min qieghed iressaq ir-rikors ta’ ritrattazzjoni ma jbati minn ebda infermita’ mentali;

Illi Catherine Micallef akkumpanjata minn binha kienet avvicinata lill-avukat sottoskritt biex thallas il-kera li hija dovuta u jkun hemm terminu itwal ghall-izgumbrament mill-istess fond. Illi peress li din il-proposta ma gietx accettata minn Andrew Meli, wara xi jiem gew intavolati dawn il-proceduri u dan bl-iskop car li tigi sospiza l-ezekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament.

Illi dawn il-proceduri gew intavolati wara li l-marixxal ittenta darbtejn biex jesegwixxi l-izgumbrament mill-imsemmi fond.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta’ Joseph Micallef ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-esponent fl-ebda hin tul il-proceduri fl-atti tar-rikors 58/06GG deciz nhar it-12 ta’ Dicembru, 2007, m’agixxa bi

ksur tad-dispozizzjoni ta' l-artikolu 811 (a),(b) u (c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponent jaf il-fatti esposti personalment.

Salv eccezzjonijiet ohra, bl-ispejjez kollha kontra Joseph Micallef li minn issa huwa ingunt biex jixhed in subizzjoni.

Semgha lill-partijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mir-ritrattat dwar in-nullita tar-rikors stante li dan mhux guramentat ai termini tal-artikolu 815 tal-Kap 12 u dan in segwitu tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-26 ta' Gunju 2009 li baghtet dawn l-atti lura lil dan il-Bord sabiex jisma u jiddetermina dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni;

Illi bhala fatt jirrizulta manifest illi r-rikors promotur mhux guramentat skond kif jirrikjedi l-artikolu 815 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Issa, skond l-artikolu 164 tal-istess Kap 12, jipprovdi li ikun hemm nullita' jekk kawza illi jmissha tingieb b'rikors guramentat jew b'rikors ta' appell minflok tingieb permezz ta' atti gudizjarju iehor u dan bla hsara ghal dak provdut fl-artikolu 175.

Illi kif jirrizulta car mit-test tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li rrimandat dan il-process ghad-decizjoni ta' dan il-Bord, l-artikoli 811 huwa applikabbli ukoll ghal-decizjonijiet ta' dan il-Bord u ghalhekk fejn l-artikolu 815 jitkellem dwar proceduri quddiem il-Qrati Inferjuri, ghandu talvolta jitfiehem li dawn jinkludu t-Tribunali Specjali bhalma huwa dan il-Bord u b'hekk japplika ukoll l-artikolu 185 tal-Kap 12 meta si tratta ta procedura ghal-ritrattazzjoni ta' sentenza emanenti mill-Bord tal-Kera;

Illi dwar l-eccezzjoni sollevata mill-intimati, minn ezami tal-gurisprudenza in materja jista' jinghad li hija konkordi dwar certi formalitajiet bhal dak in dizamina. Fis-sentenza

mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Keyland Co Ltd et vs Josephine Xuereb, deciza fil-15 ta' Jannar 2010**, dik il-Qorti kkonfermat l-operat tal-Qorti tal-Magistrati li kienet akkoljiet talba biex ikun sostitwit rikors promotur skond dak li jipprovdi l-artikolu 175 tal-Kap12 b'dan illi r-rikors promotur originali li ma kienx guramentat kien sostitwit b'rikors promutur iehor din id-darba guramentat. Dak l-appell izda kien jekk l-Qorti adita bit-talba ghal-ritrattazzjoni setghetx tilqa' talba biex ikun sostitwit ir-rikors promotur u l-istess Qorti tal-Appell in linea mal-ispirtu ta' dak ravvizat fl-artikolu 175 ikkonfermat li tali provvediment kien konformi mal-ligi. F'dik is-sentenza, l-Qorti kienet pjenament favur li ttendi li ssalva l-procedura, u gustament jazzarda izid dan il-Bord, izda fil-kaz in dizamina l-intimat kolpit bl-eccezzjoni ta' nullita ma ghamel l-ebda talba simili anzi fis-sottomossijiet orali tieghu jghid li "jekk rikors promotur ma hemm l-ebda htiega ta' gurament kif fir-ritrattazzjoni hemm bzonn li dan ir-rikors ikun guramentat?"

Illi fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Casino Employee's Union et vs Dragonara Casino Limited deciza fit-3 t'Ottubru 2003**, kien deciz illi n-nuqqas ta' kawtela f'kawza ta' ritrazzjoni taghti lok ghad-dezerzjoni izda forsi l-aktar fatt analogu ghal dak in dizamina huwa l-fatt illi l-istess Qorti tal-Appell irriteniet illi f'kawza ghall-ritrattazzjoni "huwa indispensabbli li ssir talba ghat-thassir tas-sentenza impunjata", haga din li ma saritx f'dik il-procedura li kienet dikjarata nulla.

Illi fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Mario u Mark ahwa Gauci vs Joseph Gauci deciza fit-30 t'Ottubru 2008 per Onor Mhallef Raymond C. Pace**, kawza ukoll dwar ritrattazzjoni, l-istess Qorti wisq gustament u opportunement rriaffermat l-aspett singolari ta' din il-procedura specjali billi traccjat l-insenjament tal-Qrati taghna tul iz-zminijiet fl-affermazzjoni illi *r-rimedju ta' ritrattazzjoni jibqa wiehed straordinarju u l-kazijiet li fihom jista' jinghata kif ikkontemplat specifikatament mil-ligi ghandhom jigu interpretati ristrettivament.* Dan kollu jinduci lil dan il-Bord biex jinterpreta in-normi dwar ir-ritrattazjoni b'mod ristrett u filwaqt illi ma jara ebda

possibilita’ sabiex *di sua sponte* jordna xi forma ta’ tibdil fl-att promotorju ma jifdal ebda triq ohra hlief li jilqa’ l-eccezzjoni tal-intimat Andrew Meli;  .

Illi l-intimat ecepixxa ulterjorment illi r-rikors promutur huwa null ukoll minhabba li kien prezentat minn Joseph Micallef wahdu meta s-sentenza lamentata inghatat kontra Joseph u Catherine konjugi Micallef.  Ir-rikorrenti isostni li din hija in regola ghaliex kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-provi, meta l-Marixxalli marru jesegwixxu l-mandat naxxenti mis-sentenza lamentata huma nnotifikaw lil Catherine Micallef li hija inabilitata u inkapacitata u ma jistax’ ikun li tintavola risposta jew tipproponi ritrattazjoni meta tkun f’dak li stat oltre li f’cirkostanzi simili, zewgha jassumi l-obbligi kollha hu minflok martu.  Ragunament dan li ma jehtieg l-ebda profondiment ghajr dikjarazzjoni li hu ghall-ahhar zbaljat.  Kif tajjeb osserva l-intimat, t-talba ghar-ritrattazzjoni kellha ssir mill-partijiet kollha kolpiti bis-sentenza lamentata, haga din li ma saritx u talvolta ggib fuqha n-nullita tar-rikors ghar-ritrattazzjoni;

Ghalhekk il-Bord  jiddikjara null l-att promutur b’mod li dan il-Bord mhux ser jiehu konjizzjoni tal-istess;

L-ispejjez ta’ din il-procedura jithallsu mir-rikorrenti Joseph Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------